31968L0414

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
ta' l-20 ta' Diċembru 1968
li timponi obbligu fuq l-Istati Membri tal-KEE li jżommu ħażniet minimi ta' prodotti taż-żejt mhux maħdum u/jew prodotti petroliferi

(68/414/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 103 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1];

Billi ż-zejt mhux maħdum u l-prodotti petroliferi impurtati huma ta' importanza li dejjem tikber sabiex jipprovdu lill-Komunità bi provvisti ta' enerġija; billi kwalunkwe diffikultà, ukoll temporanja, li jkollha l-effett li jitnaqqsu l-provvisti ta' dawk il-prodotti mportati minn Stati terzi tista' tikkawża disturbi serji fl-attività ekonomika tal-Komunità; billi l-Komunità trid għalhekk tkun f'pożizzjoni li tpatti għal jew għall-inqas li tnaqqas kwalunkwe effetti negattivi f'każ bħal dak;

Billi kriżi fil-kisba ta' provvisti tista' sseħħ bla mistennija u billi huwa għalhekk essenzjali li jittieħdu minnufih il-miżuri meħtieġa sabiex jagħmlu tajjeb għal skarsezza possibbli;

Billi, għalhekk, huwa meħtieġ li tiżdied is-sigurtà tal-provvista ta' prodotti taż-żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi fl-Istati Membri billi jiġu stabbiliti u jinżammu ħażniet minimi ta' l-aktar prodotti importanti ta' żejt mhux maħdum;

Billi l-produzzjoni nazzjonali tikkontribwixxi fiha nfisha għas-sigurtà tal-provvista; billi l-kondizzjonijiet tal-prodotti tal-Komunità u s-sigurtà akbar ta' provvista inerenti f'tali prodotti jiġġustifikaw li tingħata il-possibiltà li lill-Istati Membri li jqiegħdu u l-piż taż-żamma ta' provvista fuq importazzjonijiet;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jadottaw dawk il-liġijiet, ir-regolamenti jew d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jidhrulhom xierqa sabiex iżommu f'kull żmien, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 u 7, il-ħażniet ta' prodotti petroliferi f'livell li jikkorrispondi, għal kull waħda mill-kategoriji ta' prodotti petroliferi elenkati fl-Artikolu 3, għal ta' l-anqas 65 ġurnata konsum medju intern ta' kuljum fis-sena kalendarja ta' qabel.

Dik il-parti tal-konsum intern li tiġi soddisfatta permezz ta' derivattivi ta' prodotti petroliferi prodotti lokalment mill-Istat Membru konċernat tista' tiġi mnaqqsa sa massimu ta' 15 % ta' dak il-konsum.

Provvisti mill-*bunkers* għal bastimenti li jbaħħru m'għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-konsum intern.

Artikolu 2

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw impriżi mill-obbligu li jżommu waqfiet rigward ammont li ma jaqbiżx il-kwantità ta' prodotti li dawk l-impriżi jimmanifatturaw minn żejt mhux maħdum prodott lokalment.

Artikolu 3

Il-kategoriji ta' prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-konsum intern:
— spirtu tal-vetturi u karburant ta' l-avjazzjoni (spirtu ta' l-avjazzjoni u karburant tal-ġettijiet tal-tip tal-petrol);
— żejt tal-gass, żejt tad-dijżil, pitrolju u fuel tal-ġettijiet tat-tip tal-pitrolju;
— żjut karburanti.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni sommarju statistiku li juri l-ħażniet li jeżistu fl-aħħar ta' kull kwart ta' sena mhejji skond l-Artikoli 5 u 6 u li jispeċifika n-numru ta' ġranet ta' konsum medju fis-sena kalendarja ta' qabel li dawk il-ħażniet jirrappreżentaw.

Artikolu 5

Fis-sommarju statistiku tal-ħażniet li għalih jipprovdi l-Artikolu 4, prodotti lesti għandhom ikunu inklużi skond it-tunnellaġġ

[1] ĠU C 20, tas-6.2.1965, p. 330/65.

metriku attwali tagħhom; żejt mhux maħdum u prodotti intermedji għandhom ikunu inklużi:

— fuq il-proporzjonijiet tal-kwantitajiet għal kull kategorija ta' prodotti miksuba matul is-sena kalendarja li tiġi qabel mir-raffineriji ta' l-Istat konċernat; jew

— fuq bażi tal-programmi ta' produzzjoni tar-raffineriji ta' l-Istat konċernat għas-sena kurrenti; jew

— fuq bażi tal-proporzjon bejn il-kwantità totali manifatturata matul is-sena kalendarja li tiġi qabel fl-Istat konċernat ta' prodotti koperti mill-obbligazzjoni sabiex iżommu ħażniet u l-ammont totali ta' żejt mhux maħdum użat matul dik is-sena; il-fuq imsemmija għandhom jammontaw għal mhux aktar minn 10 % ta' l-obbligazzjoni totali għall-ewwel u t-tieni kategoriji petrol u żejt tal-gass) u għal mhux aktar minn 50 % għat-tielet kategorija (żjut tal-karburanti):

Komponenti għat-tħallit, meta ntiżi biex jiġu proċessati fil-prodotti finali elenkati fl-Artikolu 3, jistgħu jiġu sostitwiti bil-prodotti li għalihom huma intiżi.

Artikolu 6

1. Meta jiġi ikkalkulat il-livell minimu ta' ħażniet li għalih jipprovdi l-Artikolu 1, dawk il-kwantitajiet biss li jkunu kompletament għad-dispożizzjoni ta' Stat Membru jekk jinqalgħu diffikultajiet fil-kisba ta' provvisti ta' żejt għandhom jiġu inklużi fis-sommarju statistiku.

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, dawk il-ħażniet iridu jkunu lokati fit-territorju ta' l-Istat konċernat.

2. Għall-finjijiet ta' din id-Direttiva, ħażniet jistgħu jiġu stabbiliti, taħt patti ta' ftehim individwali bejn il-Gvernijiet, fit-territorju ta' Stat membru f'isem impriżi stabbilti fi Stat Membru iehor.

F'dawk il-każi, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ikunu qed jinżammu l-ħażniet ma jistax jopponi għat-trasferiment tagħhom lejn l-Istati Membri l-oħra; huwa għandu sa fejn ikun possibbli iżomm kontroll fuq dawk il-ħażniet iżda m'għandux jinkludihom fis-sommarju statistiku tiegħu. L-Istat Membru li f'ismu l-ħażniet ikunu qed jinżammu jista' jinkludihom fis-sommarju statistiku tiegħu.

Abbozzi tal-patti ta' ftehim imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni, li tista twassal il-kummenti tagħha lill-Gvernijiet konċernati. L-arranġamenti, ġaladarba konklużi, għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni, li għandha tinforma bihom lill-Istati Membri l-oħrajn.

Il-patti ta' ftehim iridu jissoddisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

— huma għandhom jirrelataw ma' żejt mhux maħdum u l-prodotti kollha petroliferi koperti minn din id-Direttiva;

— huma jridu jispeċifikaw il-proċeduri għall-ikkontrollar u l-identifikazzjoni tal-ħażniet li għalihom hemm provdut;

— huma iridu bħala regola ġenerali jiġu konklużi għal żmien mhux limitat;

— huma għandhom jiddikjaraw li, fejn issir dispożizzjoni għal terminazzjoni unilaterali, dan ta' l-aħħar m'għandux jiġi utilizzat f'każ ta' kriżi ta' provvista u li, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni għandha tirċievi informazzjoni minn qabel ta' kull terminazzjoni.

3. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, dan li ġej jista' jiġi inkluż fil-ħażniet:

— provvisti fuq tankers taż-żejt fil-port għall-iskop ta' skarikar, ġaladarba l-formalitajiet tal-port ikunu ġew kompletati;

— provvisti miżmuma f'portijiet ta' skariku;

— provvisti miżmuma f'tankijiet fid-daħla għal pajpijiet taż-żejt;

— provvisti miżmuma f'tankijiet ta' raffineriji, ħlief għal dawk il-provvisti f'pajpijiet u f'impjant tar-raffineriji;

— provvisti miżmuma fil-ħażna minn raffineriji u minn ditti li jimpurtaw, jaħżnu jew ibiegħu bl-ingrossa;

— provvisti miżmuma fil-ħażna minn konsumaturi fuq skala kbira, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar l-obbligazzjoni li jinżammu ħażniet permanenti;

— provvisti miżmuma fi braken u bastimenti kostali li jagħmlu xogħol ta' trasport bejn fruntieri nazzjonali, sakemm ikun possibbli għall-awtoritajiet kompetenti li jżommu kontroll fuq dawk il-provvisti u sakemm il-provvisti jkunu jistgħu isiru disponibbli minnufih;

Konsegwentement dan li ġej għandu, b'mod partikulari, jiġi eskluż mis-sommarju statistiku: Kwantitajiet miżmuma mill-forzi armati u dawk li jkunu qed jinżammu għalihom mill-kumpaniji taż-żejt għandhom ukoll jiġu eskluži mis-sommarju statistiku.

Artikolu 7

Jekk jinqalgħu diffikultajiet rigward il-provvisti ta' żejt tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha, fuq talba ta' xi wieħed mill-Istati Membri jew fuq inizjattiva tagħha stess, torganizza konsultazzjoni bejn l-Istati Membri.

Ħlief f'każijiet t'urġenza partikulari jew sabiex jintlaħqu ħtiġiet lokali minuri, l-Istati Membri għandhom iżommu lura, qabel il-konsultazzjoni hawn fuq imsemmija, milli jieħdu mill-ħażniet tagħhom sa dak il-limitu li dawn il-ħażniet jispiċċaw jinżlu taħt il-livell minimu obbligatorju.

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'kull teħid mill-ħażniet ta' riserva tagħhom u għandhom jikkomunikaw mill-aktar fis possibbli: - id-data li fiha l-ħażniet waqgħu taħt il-livell minimu obbligatorju;

— ir-raġunijiet għal dak it-teħid;

— il-miżuri, jekk ikun hemm, meħuda sabiex jiġġeddu l-ħażniet;

— apprezzament, jekk inkun possibbli, ta' l-isvilupp probabbli tas-sitwazzjoni rigward il-ħażniet sakemm jibqgħu taħt il-minimu obbligatorju.

Artikolu 8

It-twaqqif ta' ħażniet kif meħtieġ minn din id-Direttiva għandu jkun offrut mill-aktar fis possibbli wara n-notifika ta' l-istess u mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1971.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda għal dan il-għan.

Artikolu 9

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fl-20 ta' Diċembru 1968.

Għall-Kunsill

Il-President

V. LATTANZIO